# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 141/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Spiteri Andrew**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett mija u erbgħa u tmenin Ewro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€384.37ċ) in konnessjoni ma' servizzi mibura fil-kont numru 40198548, liema servizzi kienu ġew kuntrattati mas-soċjeta' Mobisle Communications Limited, li ġiet amalgamata fis-soċjeta' GO plc b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, u dan minħabba li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 1514/2014, u l-ispejjeż u d-drittijiet ta' din il-kawża, bl-imgħax legali mis-17 ta' Lulju 2014.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B1' sa 'B4', fol.3 sa 6);

u (iii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni tas-soċjeta' attriċi mas-soċjeta' Mobisle Communicataions Limited (Dok.'B5', fol.7).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' ma ppreżentax Risposta.

Ra li l-istess konvenut deher quddiem dan it-Tribunal fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2017, u wara d-debita spjegazzjoni mit-Tribunal, għażel minn jeddu li jammetti t-talba tas-soċjeta' attrici f'din il-kawza.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata bl-ammissjoni tal-konvenut innifsu.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett mija u erbgħa u tmenin Ewro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€384.37ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**